KUNSILL LOKALI **SLIEMA** LOCAL COUNCIL

Ref: Seduta 19_5/08/10 VI (li tkompliet fid-29/09/10)

# MINUTI TAD-DSATAX IL SEDUTA

**Id-dsatax-il seduta** tal-5 ta' Awwissu 2010 tas-Sitt Kunsill Lokali Tas-Sliema tkompliet l-Erbgħa **29 ta' Settembru 2010** fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | **Johanna Gonzi** |
| **Viċi Sindku:** | **Cyrus Engerer** |
| **Kunsilliera:** | **Yves Bobby Cali** |
| | **Sandra Camilleri** |
| | **Edward Cuschieri** |
| | **Julian Galea** |
| | **Nicolai Gauci** |
| | **Patrick Pace** |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | **Svetlana R. Curmi** |
| **Ufficjal:** | **Stefania Friggieri** |
| **Skużati:** | **Marianne Aquilina** |
| | **Martin Debono** |
| **Assenti:** | **Nikki Dimech** |

Is-Sindku Johanna Gonzi ppresiedet.

Is-seduta bdiet fit-7.45 ta' fil-għaxija b'din l-agenda:

1. Approvazzjoni tal-minuti tas-seduta 18_19/05/10VI
2. Approvazzjoni tal-minuti tas-seduta b'urġenza 29/07/10VI
3. Materji konnessi mal-minuti
4. Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-Sindku/Segretarju Eżekuttiv
5. Approvazzjoni tal-pagamenti
6. *Tender* Servizz ta' Perit
7. *Tender* ta' Xogħlijiet Żgħar
8. Mistoqsijiet mill-kunsilliera
9. Affarijiet Oħra

***Nota**: Il-Kunsill kellu jkompli jiddiskuti l-korrispondenza.*



Sliema Local Council Depiro Street Sliema SLM 2037 - Malta Tel: (+356) 2133 7633 Fax: (+356) 2134 5333 Email: sliema.lc@gov.mt

www.sliema-malta.com

**4. Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-Sindku/Segretarju Eżekuttiv**

4.1 Is-Sindku qalet li tixtieq torganizza attivita għall-Milied. Qalet li l-Kunsill jista' japplika ghal fondi mid-Dipartiment ghal Gvern Lokali sal-15 t'Ottubru biex jiffinanzja l-attivita tiġi ffinanzjata mill-Gvern.

4.2 Il-Kunsillier E. Cuschieri qal li xtaq jorganizza xi attivita ghall-Milied ghand is-Salesjani.

4.3 Is-Sindku talbet lill-Kunsilliera biex jagħtu is-suggerimenti taghhom biex fis-seduti sussegwenti tkun tista' tigi fformulata ahjar l-attivita għall-Milied.

4.4 Saret diskussjoni dwar it-tender ghal gbir ta' skart imhallat li l-Kunsill Tas-Sliema hareg b'mod kongunt mal-Kunsill ta' San Giljan. Is-Sindku pproponiet li t-tender mal-Kunsill ta' San Giljan jitwaqqaf u li l-Kunsill Tas-Sliema johrog tender ghal rasu kif ukoll li l-Kunsill jitlob il-gwida necessarja mid-Dipartiment ghal Gvern Lokali. Issekonda P. Pace. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu favur.

4.5 Is-Sindku qalet li għada ma ffirmatx ċekk indirizatt lill-*Cleansing Services Department* għax xtaqet kjarifika mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali minħabba li l-kuntratt kien skada. Is-Sindku qrat ir-risposta mid-Dipartiment fejn inghata il-parir li l-Kunsill għandu jiddeċiedi għandux iġedded il-kuntratt għal sena.

4.6 Is-Sindku pproponiet li jiġġedded il-kuntratt għal sena. Il-Kunsillier E. Cuschieri ssekonda. Il-Viċi Sindku C. Engerer, il-Kunsilliera B. Cali, S. Camilleri, J. Galea, N. Gauci, P. Pace ivvutaw favur.

4.7 Il-Kunsillier J. Galea qal li ghandha tittieħed azzjoni biex il-kwalita tas-servizz jitjieb u jkun iktar efficjenti.

4.8 Is-Sindku qalet li kellha laqgħa mal-*foreman* tal-*Cleansing Services Department* fejn kienet ddiskussa l-problema. Hija qalet li waħda mid-diffikultajiet hi li hemm ftit ħaddiema għal ammont ta' toroq li hemm Tas-Sliema. Qalet li dawn għandhom l-orħos prezzijiet u qalet li l-Kunsill għandu jistenna ammont ta' xhur sakemm jerġa jiġi f'pożizzjoni finanzjarja aħjar biex jiddecidi jergax johrog it-tender.

4.9 Is-Sindku ressqet applikazzjonijiet għal *tower cranes* ġodda f'Tas-Sliema.

4.10 Il-Kunsilliera preżenti qablu li biex jingħata permess il-Kunsill għandu bżonn iktar informazzjoni inkluż: *site plan*, il-perjodu li fih se jokkuppa art pubblika, jekk hux ha jagħlaq l-access fit-triq, ritratti, *floor plan* tal-propjeta ħalli l-Kunsill ikun jista' jara jekk it-*tower crane* jistax jitpoġġa fil-proprjeta li tkun qed tigi zviluppata.

4.11 Is-Segretarju Eżekuttiv ipprezentat korrispondenza minn Schranz Ltd li għandu *tower crane* fi Triq Bisazza li talab għal estensjoni. Il-Kunsill qabel li m'għandux idum aktar mil-15 ta' Novembru 2010.

4.12 Is-Segretarju Eżekuttiv ipprezentat korrispondenza mis-Sur Graham Salt għal estensjoni tat-*tower crane* fi Triq Guże Howard. Il-Kunsill qabel li jagħtih permess sat-8 ta' Ottubru, 2010 u li jrid iħallas l-arrettrati mit-30 ta' Awissu, 2010.

4.13 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dawn ilhom li kitbu biex iggeddu l-permess imma peress li l-Kunsill ma kienx f'pożizzjoni li jiltaqa' ma setgħatx tiggedded l-estensjoni tal-permess inkwistjoni..

4.14 Talba minn Gauda Shoe Stores biex issir attivita għal ftuħ tal-ħanut fi Triq Bisazza. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għal dan.

4.15 Talba minn Fr Jeff Williams tal-Knisja Anglikana biex issir attivita' fid-9 u l-10 ta' Ottubru, 2010. Il-Kunsill ma seba l-ebda oġġezzjoni għal dan.

4.16 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Sur Daniel Micallef kien ressaq talba sabiex issir kunsiderazzjoni tal-kariga tiegħu fir-rispett tas-salajru fl-iskala prezenti tiegħu u dan anke peress li ilu ammont ta' snin jaħdem mal-Kunsill fi skala 15 u skont ir-Regolamenti dwar ir-Rizorsi Umani, il-Kunsill seta jikkunsidra li jitla fi skala 13. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Sur Micallef qiegħed jagħti servizz ta' kwalita għolja u li jiehu bosta inizjattivi li jmorru lil hinn mid-dmirijiet tal-kariga prezenti tiegħu. .Semmiet ukoll li huwa persuna affidabbli u responsabbli. Il-Kunsilliera preżenti qablu b'mod unanimu li s-Sur Micallef jitla' għal skala 13.

4.17 Il-Kunsillier J. Galea qal li hemm bżonn li titneħħa *speed ramp* fi Triq San Vinċenz. Il-

Kunsilliera preżenti b'mod unanimu qablu li qabel ma din titneħħa, il-Kunsill għandu jikteb lir-residenti ta' Triq San Vinċenz biex jistaqsi għall-kummenti tagħhom dwar dan qabel ma jkun jista' jiehu decizjoni.

Is-seduta ntemmet fid-8.45pm.

**Is-seduta 19 giet aggornata għas-7 t' Ottubru, 2010 fil-5.30pm.**

**Johanna Gonzi**
**Sindku**

**Svetlana R. Curmi**
**Segretarju Eżekuttiv**